MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 4/2006

**Doris D' Amato**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Marzu, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni appellata.

Ra l-ittra ta' l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur.

Ikkunsidra

L-applikazzjoni ta’ l-appellanti ghall-Pensjoni tar-Romol giet michuda stante li skond ma jirrizulta minn sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta’ Mejju 1995 l-appellanti kienet iddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghand zewgha. L-appellanti sostniet li hija kienet kostretta tiddekadi milli tircievi manteniment minghand zewgha u dan minhabba vjolenza ripetuta u kontinwa da parti tieghu;

L-Artikolu 2 ta’ l-Ewwel Taqsima tal-Kapitolu 318 jistabbilixxi li mara mizzewga titqies bhala armla u konsegwentement tkun intitolata li tircievi l-Pensjoni tar-Romol jekk fil-mument li jigi nieqes zewgha hija jkollha dritt legali li tircievi manteniment minghandu.

Fil-kaz odjern l-appellanti kienet iddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghand zewgha ferm qabel ma huwa miet u ghalhekk hija ma tistax titqies bhala armla ai termini ta’ l-Artikolu 2 appena citat. Is-sottomissjoni ta’ l-appellanti fis-sens li hija kienet iddekadiet u mhux irrinunzjat ghal manteniment u li hija kienet tikkwalifika ghall-Ghajnuna Socjali u ghalhekk ghandha titqies li tikkwalifika ghall-Pensjoni tar-Romol hija ghal kollox infondata u bla bazi legali. Il-kriterji stabbiliti mil-ligi sabiex persuna titqies li tikkwalifika ghall-Ghajnuna Socjali huma differenti u distinti minn dawk stabbiliti sabiex persuna tikkwalifika ghall-Pensjoni tar-Romol. Kif spjegat aktar ‘il fuq l-appellanti ma kellhiex dritt legali li tircievi manteniment minghand zewgha fil-mument li huwa miet u ghalhekk hija ma kienetx tikkwalifika bhala armla ai termini ta’ l-Artikolu 2 ta’ l-Ewwel Taqsima tal-Kapitolu 318.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata konfermata.”

Appellat minn din is-sentenza r-rikorrenti Doris D’ Amato li talbet ir-revoka taghha. Koncizament riprodott l-aggravju principali taghha jikkonsisti f’ dan. Hi tallega li ma rrinunzjatx ghall-manteniment minghand zewgha premort

izda giet sforzata tiddekadi. Minn din l-affermazzjoni taghha tghaddi ghal proposizzjoni tal-kanone ta' interpretazzjoni kif mahsub minnha, u cjoe, li f' materja ta' ligi socjali l-interpetazzjoni ghandha tkun favur il-benefikand;

Mill-inkartament tal-kaz quddiem l-Arbitru jemergu dawn id-dettalji l-aktar sinjifikativi ghall-kwestjoni involuta:-

(1) L-appellanti u zewgha sseparaw konsenswalment b' kuntratt tat-23 ta' Frar 1988, atti Nutar Dottor Pierre Falzon. Fih, *inter alia*, kien maqbul illi r-ragel ihallas b' manteniment lil martu hames liri Maltin (Lm5) fil-gimgha;

(2) Sussegwentement ghal dan il-kuntratt zewg l-appellanti pproceda b' citazzjoni (Nru. 1045/91) kontra l-appellanti ghad-dekadenza taghha mill-jedd tal-manteniment minn ghandu. Il-Qorti Prim' Awla kkonfermat, fuq l-ammissjoni ta' l-appellanti f' dik il-kawza, id-dekandenza taghha b' sentenza tal-31 ta' Mejju 1995;

(3) Mal-mewt ta' zewgha l-appellanti applikat ghall-Pensjoni tar-Romol li giet negata lilha mid-Direttur appellat in bazi ghall-kontenzjoni illi gjaladarba hi kienet iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha ma kienetx tikkwalifika bhala armla skond it-tifsira moghtija fl-Artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

Fit-tifsira li l-Att imsemmi (Kapitolu 318) jaghti lill-kelma "armla" nsibu li din tirreferi ghal "konjugi li jibqa' jghix, sew armla jew armel, ta' koppja mizzewga li minnufih qabel ma jormol kellu jedd legali ghall-manteniment mill-konjugi l-iehor u ghar-rigward ta' armla, kull fejn din tidher, ragel mizzewweg tinkludi mara mizzewga";

Mill-fatti premessi huwa indiskuss illi zewg l-appellanti mhux biss ma kienx qed jissoministralha ebda manteniment talli in forza tas-sentenza tal-31 ta' Mejju

1995 lanqas ma kien hekk responsabbli ghal tali somministrazzjoni. Di regola, fil-kazijiet ordinarji tal-pronunzjament gudizzjali tad-dekadenza jkun ifisser li l-Qorti adita tkun qieset il-kondotta tal-persuna dekaduta u, oggettivament, tkun sabitha hekk gravi u lesiva tad-doveri taghha kif mil-ligi prefissi u sanciti. F’ dan il-kaz il-Qorti waslet ghall-pronunzjament tad-dekadenza ta’ l-appellanti fuq l-istess ammissjoni taghha. Hu x’ inhu, u kien x’ kien il-motiv ta’ l-ammissjoni l-effett ta’ provvediment konsimili hu dak li, fost ragunijiet ohra, jimpedixxi lil wiehed mill-konjugi li jissubixxi pregudizzju ekonomiku ghal fatt tal-kondotta tal-konjugi l-iehor;

Tradott dan li appena nghad ghall fattispeci tal-kaz hawn ezaminat, jikkonsegwi illi d-dekadenza ggib b’ konsegwenza li gjaldarba l-appellanti ma kellhiex jedd ghal manteniment minghand zewgha u materjalment ma kienetx qed tircievi minghandu hlas bhal dan hi ma setghetx tikkwalifika b’ success ghall-beneficcju tal-pensjoni tar-romol mal-mewt ta’ zewgha. Fir-realta` l-effett ta’ din id-dekadenza hu simili ghal kaz ta’ rinunzja volontarja gahll-manteniment. Fir-rigward ghalhekk tghodd ugwalment din is-silta kaptata mis-sentenza ta’ l-Arbitru tal-5 ta’ Marzu 1993 in re “**Mary Calleja -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”:

“**Una volta l-appellanti volontarjament irrinunzjat ghad-dritt ta’ manteniment id-drittijiet taghha kif ukoll ta’ zewgha ghal xi beneficcju taht l-Att ma jistghux jigu fuq l-istat ta’ zwieg u sussegwentement fuq l-istat ta’ vedovanza**”;

Ferma din il-qaghda ta’ dritt *in subjecta materia*, bl-aggravju taghha l-appellanti qed tistieden lil din il-Qorti biex tinjora s-sentenza li ppronunzjat id-dekadenza taghha ghaliex, skond kif minnha sottomess, hi ma kellhiex ghazla hielsa meta l-avukat precedenti li kien qed jippatrocinaha fil-proceduri ghamel verbal li hi kienet qed tiddekadi mill-manteniment. Fl-istess kuntest qed tinvita lil Qorti tikkonsidra li dik id-dekadenza giet precipitata

minhabba allegat theddid da parti ta’ zewgha fil-konfront taghha. Fi kliem iehor l-appellanti qed tippretendi li din il-Qorti ghandha taccetta bhala vangelu din l-allegazzjoni taghha li d-dekadenza gudizzjali kienet ir-rizultat ta’ vjolenza adoperata minn zewgha u l-assenza ta’ ghazla hielsa, u li allura dak l-istess pronunzjament ma ghandu jkollu ebda effett;

Certament din il-Qorti, filwaqt li tissimpatizza mal-qaghda ta’ l-appellanti, dak pretiz minnha huwa ghal kollox anti-guridiku. L-appellanti ghandha tifhem li din il-Qorti mhux biss ma tistax twarrab, lanqas jekk trid, il-gudikat li taghmel is-sentenza tal-31 ta’ Mejju 1995, imma mhux mistenni lanqas li din il-Qorti toqghod tikkongettura fuq il-veracita`, o meno, ta’ l-allegazzjonijiet taghha. Dan mhux biss ghaliex mill-atti tal-kaz prezenti ma tezisti ebda prova konkreta li kapaci taghti sostenn lil dawn l-allegazzjonijiet taghha imma, fundamentalment ukoll, din il-Qorti assolutament ma tistax, fil-fattispeci tokkupa ruhha f’ din is-sede, u kontra l-gudikat imsemmi, dwar jekk il-kunsens taghha kienx karpit bi vjolenza. L-impunjattiva ta’ dik is-sentenza ma tistax tigi *sic et simpliciter* kondotta bil-mod mixtieq mill-appellanti fid-deliberazzjoni minn din il-Qorti tat-talba specifika taghha ghall-pensjoni tar-romol;

Finalment din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkorregi l-impressjoni zbaljata illi l-ligijiet socjali ghandhom iservu bhala fonti ta’ sokkors, ghandha jew m’ ghandhiex l-applikanta jedd ta’ kwalifika ghal xi wiehed mill-beneficcji prevvisti mil-ligi. Jghodd ghal kaz in ispecje din l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell in re: “**Direttur tas-Sigurta` Socjali -vs- Joseph Bezzina**”, 6 ta’ Ottubru 2000:-

“**Fuq il-konsiderazzjoni imbaghad illi d-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali donnu qieghed hemm biex jaghmel tajjeb ghad-debolezzi umani li jipprovokaw is-separazzjoni bejn il-konjugi jew li d-Dipartiment kellu xi obbligu li jassisti u jaghmel tajjeb ghall-konjugi li jkun gie oltreggjat bil-komportament**

**tal-konjugi l-iehor, din hi ghal kollox insostenibbli u inaccettabbli**";

Ribadit dan, huwa car li f' dan il-kaz l-unika interpretazzjoni possibbli, fic-cirkostanzi maghrufa, tibqa' dik li, kif deciz mill-Arbitru, l-appellanti ma tikkwalifikax ghall-pensjoni tar-romol u, anzi, il-ligi ma tikkonsentilhiex li hi tuzufruwixxi ruhha minnha.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata. Kif konswet, f' kazijiet ta' din ix-xorta l-ispejjez gudizzarji ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------